**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru, 2020**

Rikors Numru: 320/20 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors li gie pprezentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet iżżewġet lil C D nhat l-24 ta' Mejju 1997 u miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġt ulied, E li twieled fis-6 ta' Marzu 1998 u F li twieled fit-23 t' April 2003;

2. Illi għalkemm il-partijiet isseparaw permezz t' kuntratt in atti tan-Nutar Jean Carl Debono, nhar is-17 ta' Novembru 2017 (Dok A), huma kienu ilhom jgħixu separati de facto sa' mit-22 ta' Settembru 2016 u dan meta' nfetħu proċeduri ta' medjazzjoni (Dok. B);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin, liema rinunzja kienet definittiva u rrevokabbli;

4. Illi in oltre, l-esponenti kienet ħallset il-manteniment ta' binha F bħala lump sum bil-quddiem, billi ħadet sehem inqas mill-komunjoni tal-akkwisti u dan kif jirriżulta minn paragrafu 6(v) tal-istess kuntratt;

5. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata l-partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Qorti jogħġobha timpona huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet;

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2020;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'għandu ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Novembru, 2017 u *de facto* separati sa mit-22 ta' Settembru, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.